# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru 9**

**Rikors numru 325/08 RM**

**Simon Galea**

**v.**

**Samah Mansour**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit-28 ta' Mejju 2014 li taqra hekk:

"**Il-Qorti,**

"Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta talab is-segwenti:-

"1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Amar Galea f'idejn missieru r-rikorrenti;

"2. Tiffissa, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa l-ewwel taiba, l-modalitajiet ta' access li l-intimata ghandha jkollha ghal minuri okkorrendo bl-intervent ta' l-Agenzija Appogg fl-interess suprem tal-minuri b'dan pero illi meta l-minuri jkun ma' ommu, l-istess intimata ma tkunx fil-prezenza ta' terzi persuni;

"3. Tiehu dawk il-prowedimenti kollha necessarji u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri Amar Galea;

"4. Tordna lill-intimata a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni sabiex tirritorna lir-rikorrenti l-passpart tal-minuri Amar Galea u dan f zmien perentorju li ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti."

"Rat ir-risposta guramentata[1] tal-konvenuta li permezz taghha qed tikkontesta t-talbiet attrici u titlob li l-kura u kustodja tal-minuri ghandhom jibqghu regolati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom kif sussegwentement emendat.

"Rat illi b'digriet *pendente lite* din[2] il-Qorti diversament preseduta kienet ordnat li l-minuri jghix mal-missier bid-dritt ta' access favur l-omm kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m. u kull Sibt u Hadd, b'mod alternat, mid-9.30 a.m. sa nofsinhar. Permezz tal-istess digriet il-konvenuta kienet giet ordnata tiddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti il-passaport tal-minuri.

"Rat ir-rapport tal-psikologa klinika Carmen Sammut[3] minn fejn jirrizula li l-arrangament tar-residenza ordnat *pendente lite* dahhal sens ta' stabbilita' fil-hajja tat-tifel filwaqt li gie emfasizzat l-importanza li l-minuri jkollu kuntatt adegwat ma' ommu.

"Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea[4] li permezz tieghu jirrizulta li l-konvenuta kienet ripetutament qed tfalli milli tmur ghall-access mal-minuri. Minn dan ir-rapport jirrizulta li meta l-minuri kien ghadu jghix ma' ommu u zewgha, l-minuri kien imdejjaq hafna ghaliex kien jara hafna glied bejniethom oltre li skond il-minuri ir-ragel ta' ommu huwa vjolenti.

"Mill-atti jirrizulta numru kbir ta' granet li fihom il-konvenuta naqset milli tmur tigbor it-tifel ghall-access.[5]

"Il-Qorti kienet regghat innominat lill-Avukat tat-Tfal sabiex tindaga fuq din il-haga u b'rapport iehor gie spjegat lill-Qorti s-sitwazzjoni kif kienet qed tisvolgi. Jinghad hekk f'dan ir-rapport:-

"Illi b'digriet ta' 12 ta' Marzu 2010 din l-Onorabbli Qorti innominat lill-esponenti bhala avukat tat-tfal sabiex tisma' lill-minuri.

---

[1] Fol. 48
[2] Fol. 80
[3] Fol 178
[4] Fol 564
[5] Fol 568 et. seq.

Illi l-esponenti tkellmet, ghat-tieni darba f'perjodu ta' xahar u nofs, mat-tifel minuri tal-partijiet, cioe, ma' Ameur Galea li llum ghandu disa' (9) snin u jaghlaq ghaxar (10) snin f'Lulju li gej. L-esponenti tkellmet mieghu wahdu u mhux fil-prezenza ta' hadd.

"Illi jirrizulta li mill-ahhar darba li l-esponenti ltaqghet mieghu sal-llum, Ameur ghadu qed ikollu jmur xi erba' darbiet fil-gimgha l-ghassa tal-pulizija sabiex jiltaqa' ma ommu. Mir-rapporti li qed isiru mal-Pulizija stess, u anke minn dak li qal Ameur, jidher car li ommu mhux qed tindenja ruhha li tmur ghall-access b'konsekwenza li Ameur flimkien ma' missierhom qed jinqalghu kull darba ghal xejn. Fuq dan kollu hemm l-istress emozjonali li jhoss Ameur meta kull darba li jmur l-ghassa suppost biex jiltaqa' ma' ommu, jerga' jigi d-dizappunt kbir li ommu m'ghandhiex interess fih. Huma rarissimi l-okkazzjonijiet li Samah Mansour tindenja ruhha tmur tiltaqa' ma' binha fl-ghassa, u f'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet rarissimi, Samah Mansour hliet il-hin (li suppost huwa hin prezjuz ma' binha) fl-ufficcju ta' l-avukat taghha fejn maghha hadet lil Ameur fil-prezenza ta' zewgha Holbie Aleaddin. Ta' min isemmi wkoll li Ameur huwa mwerwer minn dan Holbie Aleaddin li ta' spiss jerfa' jdejh fuqu. Ameur anke stqarr ma' l-esponenti li ta' spiss anke ra lil dan Holbie Aleaddin isawwat lil ommu, Samah Manseur.

"Illi Ameur stqarr ukoll li ommu ma ccempillux biex tara kif hinu. Huwa qal li kien hemm xi okkazzjonijiet rarissimi fejn gieli cemplet, imma nesa meta kienu dawn l-okkazjonijiet. Ameur qalli missieru qatt ma jwaqqfu milli jkellem lil ommu, u anzi huwa missieru stess li jibqa' jiehdu l-ghassa erba' darbiet fil-gimgha biex jiltaqa' maghha.

"KONKLUZJONI

"Illi Ameur huwa tifel li jidher li hu ghaddej minn trawma emozzjonali li qed taghmillu hafna hsara. Din it-trawma hija ikkawzata minn ommu li qed turih bic-car li m' ghandhiex interess f' binha. Minn dak kollu li semghet l-esponenti ghadha ta' l-opinjoni, kif kienet fl-ahhar rapport li ipprezentat fit-18 ta' Frar 2010, li Samah Mansour m'ghandux ikollha access ghal binha Ameur. Hija haga krudili li t-tifel irid jibqa' ta' bilfors imur l-ghassa tal-Pulizija xi erba' darbiet fil-gimgha biex forsi ommu tindenja ruhha tigi tarah, meta din kwazi qatt ma tigi."

"B'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta moghti fis-27 ta' April 2010 gie ordnat dan li gej:-

"Illi l-Qorti thoss li fl-interess tal-minuri l-access favur l-omm ghandu jigi sospiz sakemm jigi prezentat r-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut li qed tigi nominate, a spejjez provvizorjament ta' l-attur, biex tisma' lill-minuri u tirrelata dwar l-interessi tieghu dwar l-access li ghandha l-konvenuta u dan wara li tiehu konjizzjoni ta' l-atti odjerni; inkluzi r-rapporti ta' l-Avukat tat-Tfal.

"F'dan l-istadju tordna s-sospensjoni ta' l-access b'effett immedjat."[6]

---

[6] Fol. 600

"Peress li l-Qorti giet informata li anke l-kuntatt telefoniku tat-tifel ma' ommu kien qed ikun trawmatiku ghall-istess minuri, l-Avukat tat-Tfal regghat giet inkarigata tkellem lill-minuri dwar dak allegat. F'rapport ipprezentat mill-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea jinghad hekk:-

> "Illi l-esponenti tkellmet, ghat-tielet darba, mat-tifel minuri tal-partijiet, cioe, ma ' Amar Galea li llum ghandu ghaxar (10) snin. L-esponenti tkellmet mieghu wahdu u mhux fil-prezenza ta' hadd.
>
> "Illi jirrizulta li llum il-gurnata Amar jinstab hafna aktar kuntent u fil-paci milli kien fl-ahhar darba li l-esponenti ltaqghet mieghu. Dana ghaliex ommu m'ghandhiex aktar access ghalih, u ghalhekk Amar m'ghadux ghaddej minn dik l-esperjenza ta' trawrna emozzjonali kontinwa.
>
> "Illi pero jidher li l-problema mhix solvuta ghal kollox. Dana ghaliex omm Amar ghadha qed tipprova taghmel il-hajja ta' binha in fern, bl-abbuz tat-telefon. Amar spjega kif ornmu iccempel biss biex tghiru, tghidlu li hi ma tqisx lil Amar bhala binha, tghidiu li ma thobbux, u tghidlu kliem ohra abbuzivi. Waqt li Amar ikun fuq it-telefon ma' ommu huwa anke jisma' lil partner ta' ornmu, certu Holbie Aleaddin, ighajjat u juza' kliem hziena u vulgari dwar il-partner ta' missier Amar. Dan kollu qed jikkawza stress u anzjeta fuq Amar tant li huwa spjega li meta jcempel il-mobile tieghu (fuq liema mobile iccempillu ommu), huwa jaqbdu d-dwejjaq u jkun jixtieq li ma jirrispondix. Illi Amar qalli jixtieq hafna li ornmu ma ccempillux aktar, tant li anke lest li jnehhi l-mobile tieghu sabiex ma jircevix aktar telefonati minghand ommu.
>
> "KONKLUZJONI
>
> "Illi in kunsiderazzjoni tax-xewqat kif ukoll ta' l-ahjar interess ta' Amar, l-esponenti hija ta' l-opinjoni li l-kuntatt b'permezz tat-telefon bejn Amar u Samah Mansour ghandu jieqaf. Sfortunatament dan il-kuntatt telefoniku mhux qed jintuza' biex ommu tipprova ssewwi l-hsara li ghamlet fil-passat fil-konfront ta' binha. Zgur li dan il-kuntatt telefoniku mhux qed jintuza' minn Samah Mansour sabiex tipprova tibni relazzjoni mill-gdid ma' binha. Anzi dan il-kuntatt telefoniku qed jigi totalment abbuzat, cioe, uzat bl-intenzjoni hazina u malizjuza li tikkawza tenzjoni u anzjeta fil-hajja ta' Amar. Li kieku Amar kien il-fuq minn tmintax il-sena, zgur li kif qal hu stess jew ma jissispondix it-telefonati minghand ommu jew inkella anke jarmi l-mobile sabiex hi zgur ma tkunx tista' iccempillu aktar. Allura mhix haga gusta li ghax ghadu tifel ta' ghaxar snin ikollu bilfors jissaporti dan 1-abbuz li qed jikkawzalu tant stress u anzjeta."

"Rat ix-xhieda prodotta mill-partijiet inkluz dawk dokumentarji.

"Rat ir-rapport tal-Psikoterapista Melissa Agius[7] li permezz tieghu irakkomandat li minhabba t-trawmiet li l-minuri ghadda minnhom ikun ta' gid ghalih li jircevi assistenza minn psiko-terapista. Irrakkomandat access mal-omm darba kull gimghatejn liema access ghandu jkun supervizjonat.

[7] Fol. 677

“Rat id-digriet moghti fit-23 ta’ Gunju 2011 li permezz tieghu, in linea mar-rakkomandazzjonijiet tal-Psikoterapista il-Qorti ordna li l-omm tibda tezercita access supervizzjonat ghall-binha darba kull gimghatejn.

“Wara li l-Qorti giet informata li l-minuri kien qed jirrifjuta ripetutament li jiltaqa’ ma’ ommu, b’digriet moghti fl-udjenza tad-29 ta’ Novembru 2011 giet nominata mill-gdid il-psiko-terapista Melissa Agius a spejjez provvizorjament tal-konvenuta sabiex taghmel is-sessjonijiet necessarji mal-minuri bil-ghan li l-minuri ma jibqax jirrifjuta li jmur ghall-access mal-omm u b’hekk l-access ikun jista’ jsir. Il-Qorti ghalhekk ordnat lill-attur jiehu lill-minuri ghas-sessjonijiet tat-terapija u irrizervat li terga tordna l-access tal-minuri mal-omm.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur.[8]

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta.[9]

“Rat ir-replika tal-attur.[10]

“Semghat it-trattazzjoni orali tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta’ Marzu 2014.

“Semghat lill-minuri in camera fil-15 ta’ April 2014.

“Rat l-atti kollha.
“Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

“Ikkonsidrat.

“**L-Azzjoni**.

“Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob illi l-istipulazzjonijiet li l-partijiet kienu ftehmu dwarhom fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejniethom (Dok. SG1 anness mar-rikors guramentat) fis-sens li l-kura u kustodja tkun kongunta filwaqt li l-minuri jirrisjedi ma’ ommu jigu varjati fis-sens li l-kura u kustodja tal-minuri tinghata lill-attur u r-residenza ordinarja tal-minuri tkun mal-missier.

“Il-konvenuta qed topponi ghal din it-talba peress li s-sostni li huwa fl-interes tal-minuri li jghix maghha.

“**Provi**.

“Il-hajja tal-minuri, li llum ghandu tlettax-il sena, ma kienet facli xejn. Ommu u missieru, il-partijiet f’din il-kawza, izzewgu fis-sena 1995, fit-28 ta’ Lulju 2000 twieled il-minuri Amar, b’kuntratt tas-26 ta’ Ottubru 2004 il-

[8] Fol. 837
[9] Fol. 855
[10] Fol. 868

partijiet isseparaw u b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005 iz-zwieg tal-partijiet gie annullat.

"Wara li z-zwieg taghhom gie annullat, iz-zewg partijiet izzewgu lil haddiehor u fformaw zewg familji ohra.

"Is-separazzjoni tal-partijiet pero' ma kenitx wahda facli specjalment ghall-minuri Amar Galea. Jirrizulta li s-sitwazzjoni precipitat meta l-konvenuta bdiet ir-relazzjoni ma' dak li llum huwa zewgha, Holbie Aleaddin.

"Jirrizulta li ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet il-minuri Amar kien jirrisjedi ordinarjament ma' ommu l-konvenuta. Gara izda illi fis-7 ta' Gunju 2008 il-konvenuta bghatet lill-minuri ghand missieru b'sorra kbira bil-hwejjeg. Irrizulta li l-konvenuta qalet lill-minuri illi minn dakinhar 'il quddiem huwa kien ser jibda jirrisjedi ma' missieru. Fil-perijodu precedenti l-attur kien osserva li meta l-minuri jigi ghandu ghall-access huwa kien jinfaqa jibki izda ma kienx jghidlu ghaliex. Jghid li ghalkemm kien xtralu mobile sabiex ikun jista' jkellmu direttament, ir-ragel tal-konvenuta kien jimpedixxi li dan isir u li kien jinsisti illi meta jcempel lill-iben il-partijiet kellu jcempel fuq il-mobile tar-ragel tal-konvenuta. Spjega l-attur illi f'dawk l-okkazzjonijiet fejn l-attur kien jirnexxielu jkellem lill-minuri Holbie kien ikun jinstema jghajjat minn wara l-minuri u jghid kliem hazin kontra l-attur u jinsisti mieghu sabiex jaqta t-telefonata.

"Jirrakkonta episodju iehor fejn il-konvenuta u Holbie Aleaddin marru wara l-bieb tad-dar tal-attur u martu Naima Galea u aggredewhom. Dan l-episodju ta' vjolenza da parti tal-konvenuta u zewgha fil-konfront tal-attur u martu hu konfermat minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Pulizija vs. Holbie Aleaddin u Samah Monsour Galea moghtija fl-1 ta' April 2008 u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-23 ta' Novembru 2009[11] li permezz taghha l-konvenuta instabet hatja li hebbet kontra l-persuna ta' Simon Galea u Naima Galea sabiex tingurjhom, iddejaqhom u taghmlilhom il-hsara.. Holbie Aleaddin instab hati li wkoll hebb ghall-attur u martu oltre li instab hati li m'ghobdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u li ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

"Dan ma kienx l-uniku incident vjolenti gravi li spicca quddiem il-Qrati Penali. Kienu diversi l-incidenti li sehhew fil-mori ta' din il-kawza.

"Fit-8 ta' Jannar 2011 l-attur u martu gew attakkati fizikament mir-ragel tal-konvenuta li tressaq b'arrest quddiem il-Qorti, wiegeb li hu hati u b'sentenza tal-15 ta' Frar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkundannat lil Aleaddin Holbie ghal sena habs sospiza ghal sena.

[11] Fol. 414

"Fl-24 ta' Mejju 2011 waqt li l-attur, martu u l-minuri Amar kienu qed jistennew sabiex jaghtu x-xhieda taghhom inkluz il-minuri permezz tal-video conferencing f'kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali il-konvenuta hebbet ghalihom b'dan li l-minuri tant spiccat trawmatizzat minn dak l-episodju li ma kienx f'kundizzjoni li jaghti x-xhieda tieghu.[12]

"Rilevanti hija x-xhieda tas-segwenti:-

"Il-Pedjatra Dr. Victor Galvagna[13] xehed hekk:-

"'Hemm differenza kbira ukoll f'Amar kif kien qabel meta kien qieghed jghix m'ommu, ghal issa meta mar jghix mal missieru. Meta kont nezamina lil Amar qabel, kont insibu bezghan u misthi .... F'dawn l-ahhar xhur, rajt differenza kbira u pozittiva f'Amar. Amar jidher definittivament aktar kuntent u ferhan. Sar anke jidhak, xi haga li qatt ma kien jaghmel qabel."

"Silvana Padovani Losco[14], ghalliema tal-minuri:-

"'Amar Galea was in my class in the scholastic year 2006/2007. Unlike the rest of the class, Amar used to give in his homework very rarely. He was a very reserved child and only few specific friends.

"This was a cause for concern on my part and I made several attempts to get some feedback from his home. The school policy in such cases is to report to the school administration about the problem and it is the administration itself that contacts the parents directly. At first I thought that the problem with Amar and his lack of work at home was due to the fact that there was a language barrier, in the sense that the few times I spoke to his mother on the phone she could not speak English. The impression I had was that Amar had no one to supervise and help him with his homework at home since most of the work, such as Math, requires knowledge of the English language. This lead me to conclude that Amar was not being supervised at all and there was no one to check whether he was doing his work or not.

"I never met his mother on Parent's Day. However, his father turned up for all the parent days there were, even the following year when I was teaching Amar only one subject. Amar's mother was never present to discuss Amar's progress at school. On the other hand, I managed to get good feedback from his father who at that time only had custody of Amar a couple of hours during the weekend. We discussed at length Amar's problems at school and his lack of giving in his homework. We agreed that I would start sending him emails directly with all the homework that was being given at school and he promised to start working with Amar during the weekend. This went on for several weeks, however, in the end we had to stop this exercise since it was proving to be too much for Amar

[12] Rapport li sar l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt li jinsab ezebit a fol. 698
[13] Fol. 845
[14] Fol. 845

to have the few hours he spends with his father trying to catch with the work of the whole week."

"Il-konvenuta xhedet illi hija kienet hadet lill-minuri ghand l-attur u talbitu jzommu ghal zmien xahar peress li kellha tigi sottoposta ghal intervent kirurgiku. Dwar dan xhedet ukoll Khadouja Mellitti, omm il-konvenuta. Il-konvenuta xhedet illi mhux minnu li hija abbandunat lill-minuri u telqitu ghand l-attur.

"L-attur xehed li l-konvenuta kienet naqset milli tigbor lit-tifel circa mija u tmenin (180) darba. Kull darba l-attur kien jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Dwar dan il-konvenuta tghid li nofshom hija kienet imsiefra mal-familja taghha gewwa t-Tunezija, l-pajjiz tal-origini taghha, sabiex izzur lill-familja taghha. Tghid illi l-attur kien ikun informat minnha li ser tkun imsiefer izda sabiex ikompli joskura lill-konvenuta kien xorta jmur hdejn l-Ghassa tal-Pulizija fejn soltu kien jibda l-access tal-omm sabiex ikun jista' jzied mar-rapporti kontra taghha. Tghid li d-drabi l-ohra li fihom hija ma attenditx kien jew ghax kellha t-tifla minn zwieg iehior ma tiflahx jew ghax tkun waqfitilha l-karrozza jew ghax tkun inqabdet fit-traffiku. Tilmenta li l-attur ma kienx jirrispondi t-telefon meta kienet tipprova ccempillu u dan sabiex ikun jista' jipprezenta aktar rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija.

"Il-konvenuta tilmenta wkoll illi ghalkemm il-Qorti kienet ordnat li sakemm l-access tal-omm kien sospiz kellu jsir kuntatt bejn l-omm u l-minuri permezz tat-telefon, l-attur kien johloq hafna ostakoli sabiex dan ma jsehhx. Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha il-konvenuta tirreferi ghal sentenza li inghatat kontra Simon Galea fit-8 ta' Marzu 2010 f'dan ir-rigward.

"**Konsiderazzjonijiet**.

"Il-kawza odjerna tirrigwarda t-talba tal-attur sabiex dak stipulat bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni personali taghhom fir-rigward tal-minuri jigi varjat. Fuq il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom il-partijiet ftehmu illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta, il-minuri jirrisjedi mal-omm b'access ghall-missier bil-modalita' hemm stipulata.

"Permezz ta'diversi digrieti moghtija *pendente lite* l-ewwel gie ordnat li l-minuri jirrisjedi mal-missier minflok mal-omm; imbaghad li l-access tal-omm versu l-minuri l-ewwel jkun supervizjonat; imbaghad gie sospiz filwaqt li l-kuntatt bejn l-omm u l-minuri kellu jkun permezz tat-telefon; imbaghad anke dan il-kuntatt gie terminat.

"Ezaminati l-provi kollha mressqa mill-partijiet il-Qorti hija tal-fehma li d-diffikultajiet sabiex il-konvenuta zzomm maghha lill-minuri bdew meta hija bdiet ir-relazzjoni taghha ma' Holbie Aleaddin li eventwalment izzewget u mieghu iffurmat familja. Il-karattru vjolenti u dominanti ta' dan Holbie Aleaddin ma ppermettiex li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u l-minuri tizviluppa b'mod normali bejn omm u iben tant li l-konvenuta giet

fl-estremita' li kellha taghzel bejn binha u l-persuna li mieghu ghazlet li tifforma familja gdida. F'dan ix-xenarju it-tellief kien il-minuri Amar Galea tant li kienet l-istess konvenuta li ddecidiet li taqbad it-tifel u tiehdu ghand missieru bi hwejgu b'kollox u minn dak iz-zmien 'il quddiem qatt ma rrisjeda aktar ghandha. Il-konvenuta tallega li hija kienet ghamlet dak il-gest peress li riedet tissottometti ruhha ghall-operazzjoni fis-Sirja pero' prova konkreta ta' dan qatt ma resqet. Ghalkemm mhux ammess la mill-konvenuta u lanqas minn Holbie Aleaddin waqt id-deposizzjoni tieghu, il-Qorti hi konvinta li l-imsemmi Holbie Aleaddin ma kienx irid lill-minuri f'daru tant li meta l-Qorti ordnat li *pendente lite* l-minuri jirrisjedi ma' missieru b'access versu ommu, din ma kenitx tezercita l-access b'mod partikolari meta dan kien jahbat is-Sibt jew il-Hadd peress li fi klimha stess fid-dar kien ikun hemm Holbie Aleaddin peress li ma kienx ikun xoghol.

"It-testimonjanza ta' Holbie Aleaddin issahhah il-konvinzjoni tal-Qorti li kien hu li harbat u kisser ir-relazzjoni ta' bejn il-konvenuta u binha. Il-process ta' din il-kawza huwa mizghud b'kopji ta' rapporti li saru fl-Ghases tal-Pulizija hafna minnhom fir-rigward tan-nuqqas tal-konvenuta li tmur ghall-access ta' binha, ohrajn hafna aktar serji li waslu biex jittiehdu passi quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni penali.

"B'sentenza moghtija fl-1 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Pulizija vs. Holbie Aleaddin u Samah Monsour Galea u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-23 ta' Novembru 2009[15] l-konvenuta instabet hatja li fl-1 ta' Settembru 2008 hebbet kontra l-persuna ta' Simon Galea u martu Naima Galea sabiex tingurjhom, iddejaqhom u taghmlilhom il-hsara.. Holbie Aleaddin instab hati li wkoll hebb ghall-attur u martu oltre li instab hati li m'ghobdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u li ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

"Fit-8 ta' Jannar 2011 l-attur u martu gew attakkati fizikament mir-ragel tal-konvenuta li tressaq b'arrest quddiem il-Qorti, wiegeb li hu hati u b'sentenza tal-15 ta' Frar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkundannat lil Aleaddin Holbie ghal sena habs sospiza ghal sena.

Hemm tlett sentenzi ohra li inghataw fil-11 ta' Ottutbru 2013 u jinsabu fl-istadju tal-appell:

"Pulizija vs. Samah Monsour: Il-konvenuta giet misjuba hatja talli nhar it-30 ta' Lulju 2010 uzat apparat tal-komunikazzjoni elettroniku b'mod

[15] Fol. 414

mhux kif imiss u talli ingurjat u heddet lil Simon Galea u lill-minuri Amar Galea.

“Pulizija vs. Holbie Aleaddin: L-imputat gie misjub hati talli fit-8 ta’ Ottubru 2010 ghal habta tat-8.30 p.m. fl-Msida ingurja u hedded lil Simon Galea u hebb kontra l-persuna ta’ Simon Galea sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

“Pulizija vs. Holbie Aleaddin: L-imputat gie misjub hati talli fis-16 ta’ Awissu 2010 ghal habta tas-6.57 pm fl-Msida ingurja u hedded lil Naima Galea; talli kiser garanzija imposta fuqu b’sentenza precedenti u talli sar ricediv.

“Ghalkemm huwa veru, kif issottomettiet il-konvenuta fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, illi dawn l-ahhar tlett sentenzi huma soggetti ghall-appell pendenti, jibqa’ l-fatt pero’ li huma evidenza ta’ sitwazzjoni ta’ konflitti kontinwi li hallew effett negattiv fuq il-minuri u ghamlulu hafna hsara psikologika sew meta kien vittma diretta tal-azzjonijiet vjolenti sew meta ma kienx. Il-*colpo mortale* tar-relazzjoni ta’ bejn l-omm u binha sehh meta f’telefonata lill-minuri hija qaltlu minghajr mezzi termini li hu m’ghadux binha u li hu m’ghandux omm. Kliem intiz sabiex iwegga fil-laham il-haj u jhalli feriti perpetwi.

“In omagg ghad-dritt tal-minuri li l-vuci tieghu tinstema, il-Qorti semghat lill-minuri *in camera* fil-15 ta’ April 2014. Il-minuri wera x-xewqa illi ma jkollux kuntatt ma’ ommu. Ghalkemm il-Qorti mhiex marbuta bix-xewqat espressi ta’ minuri dwar il-gejjieni tieghu, tali xewqat ghandhom jigu konsidrati serjament fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ghandhom jinghataw il-piz mehtieg specjalment jekk tali xewqat huma konformi ma’ dak li oggettivament huwa fl-ahjar interess tal-minuri. Ftit qabel ma l-Qorti bdiet tisma’ lill-minuri in camera instema ghajjat gej mill-ambjenti fejn il-pubbliku jkun qed jistenna. Irrizulta lill-Qorti illi anke f’dik l-okkazzjoni il-konvenuta giet fl-edificju tal-Qorti u holqot kommozzjoni u nislet biza’ fil-minuri li l-Qorti setghat tikkonstata waqt is-smiegh tal-minuri *in camera.* Dan l-episodju huwa xhieda ohra ta’ kemm jehtieg li l-minuri jigi protett.

“M’hemmx dubju illi c-cirkostanzi prezenti tal-konvenuta ma jippermettux li jkollha relazzjoni sana mal-minuri. L-indhil u l-agir ta’ zewgha fir-relazzjoni taghha ma’ binha kisser ir-relazzjoni li l-minuri kellu ma’ ommu. X’motivazzjoni kellu zewgha ghal dak li sehh mhux car u forsi lanqas huwa kompletament rilevanti stante li dak li huwa rilevanti ghall-kawza odjerna huma l-konsegwenzi tal-agir aggressiv u vjolenti tar-ragel tal-konvenuta.

“Il-Qorti giet prekluza milli jkollha ghad-disposizzjoni taghha rapport peritali tal-Psikoterapista Melissa Agius li kienet giet nominata fuq talba tal-konvenuta u a spejjez provvizorji taghha u dan peress illi naqset milli thallas l-ispejjez peritali. Ghalkemm il-konvenuta iddikjarat li ma kelliex flus biex thallas ir-rapport, dan mhux korrett peress li zewgha huwa self-

employed u fix-xhieda tieghu semma li meta l-minuri kien jghix maghhom huwa kien jixtrilu hafna affarijiet kostuzi. Anke f'dan ir-rigward il-konvenuta naqset gravament lill-minuri ghaliex tali rapport seta kien jaghti l-ahhar possibilita' li jinbeda process twil u mhux facli izda lanqas impossibbli li jipprova jirrikoncilja lill-minuri ma' ommu.

"Ghaldaqstant il-kaz odjern huwa wiehed minn dawk il-kazijiet rari fejn il-Qorti thoss li ma hux ta' gid ghall-minuri il-kuntatt bejn l-omm u binha. Naturalment mhux eskluz illi jekk fil-futur ikun hemm bdil fic-cirkostanzi, jsiru tentativi ghal rikonciljazzjoni bejn l-omm u binha. Pero', fic-cirkostanzi attwali il-Qorti hi tal-fehma li huwa fl-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tinghata esklussivament f'idejn il-missier filwaqt li ma jkunx hemm kuntatt bejn il-minuri u ommu.

"**Decide**.

"Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta,

"1) Tilqa' l-ewwel talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Amar Galea esklussivament f'idejn missieru Simon Galea.

"2) Tichad it-tieni talba.

"3) Tawtorizza lill-attur sabiex wahdu japplika ghall-passaport tal-minuri Amar Galea minghajr il-htiega tal-firma tal-omm u wahdu awtorizzat li jirtira l-passaport minghand l-awtoritajiet kompetenti. Tordna wkoll li ma hemmx htiega tal-kunsens tal-konvenuta sabiex il-minuri jkun jista' jsiefer minn dawn il-Gzejjer basta li jkun hemm il-kunsens tal-missier.

"4) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba stante li l-passaport precedenti tal-minuri gie ritornat mill-konvenuta fil-mori tal-kawza.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa' l-aggravji taghha fir-rigward tac-cahda tat-talba taghha ghall-access ghall-minuri u l-awtorizzazzjoni lill-appellat li japplika wahdu ghall-passaport tal-minuri;

Rat ir-risposta tal-attur li permezz tieghu fil-waqt li oppona ghat-talbiet tal-appellanti, talab li s-sentenza tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-avukati trattaw l-appell;

Rat is-sentenza taghha tas-26 ta' Gunju 2015 li permezz taghha iddecidiet illi;

"**<u>L-ewwel Aggravju</u>**

"L-ewwel u l-aggravju principali huwa, kif issemma, dwar il-fatt li l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha naqset li taghti access lill-appellanti ghall-minuri. Dik il-Qorti ghamlet dan ghaliex dehrilha illi ghandha tipprotegi lill-minuri akkost ta' kollox anke a bazi tal-provi illi tressqu quddiemha.

"Ghandu jinghad mill-ewwel li, ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer noe v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li *"il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells et noe** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *"Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor."*

"Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi; madankollu *"Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja."* (**Attard et v. Direttur Generali tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).**

"Din il-Qorti kif doveruz, ezaminat l-atti u fliet sewwa l-provi li ngabru u waslet ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti rigward in-nuqqasijiet tal-appellanti u taqbel ukoll li l-minuri ghandu jkun protett mill-incidenti koroh li kellu l-isfortuna li jghaddi minnhom f'eta` daqshekk zghira. Kwindi f'dan ir-rigward il-Qorti assolutament ma jidrilhiex li

ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti anzi zzid illi taqbel perfettament maghha.

"L-istess appellanti rrikonoxxiet li l-minuri issa derha s-sitwazzjoni prezenti fejn qed jghix ma' missieru u ghall-inqas qieset il-gid ta' binha billi ma baqghetx tinsisti illi jkollha l-kura u kustodja tieghu. Naturalment pero` hija thossha aggravata mill-fatt li mhiex qed tara lill-binha u ilha ma taghmel dan circa hames snin u cioe` minn meta l-ewwel Qorti ssospendiet l-access.

"Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John Cutajar v. Amelia Cutajar (28 ta' Jannar 1956**) l-istess Qorti qalet: *"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominant 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'din il-kawza huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkustanzi personali u de facto li jkunu rrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."*

"Dan il-hsieb huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi **fl-ahjar interess tal-minuri** (**Appell Civili, Marion Meli v. Emanuel Meli, 5 ta' Dicembru 2014**).

"Anke fil-kawza fl-ismijiet **Jennifer Portelli pro et noe v. John Portelli (25 ta' Gunju 2003)** l-istess Qorti qalet li *"… … il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika … … sew fil-ligi vigenti … … kif ukoll fil-gurisprudenza estera … … u f'dik lokali … … hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissugerixxu*."

"F'dan il-kaz huwa evidenti li l-gheruq tal-problema mill-bidu kien zewg l-appellanti li kif jidher min-numru tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali, jidher illi huwa bniedem ta' temperament qasir u anke vjolenti. Bil-fors allura l-minuri jibza' minnu u minhabba f'hekk sar anke jabbina l-presenza ta' ommu ma' din il-persuna li ghalieh tfisser biza' u terrur. Ghalhekk jekk l-appellanti tixtieq li jkollha kuntatt ma' binha huwa evidenti li dan il-kuntatt ghandu jsir minghajr ma din il-persuna tkun prezenti. Din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-fatt li ghal hafna drabi l-istess appellanti naqset li tmur ghall-access li kien ordnat, minghajr lanqas biss informat lill-appellat li ma kinitx se tattendi.

"Huwa ukoll car illi l-minuri ma ghandu ebda herqa biex jara' lill-ommu u esprima din ix-xewqa lill-gudikant tal-ewwel Qorti meta dan semghu 'in camera'; probabbilment minhabba dak li ghadu kif issemma. Naturalment kif intqal fil-kuntest ta' kawza ghar-ritorn ta' minuri a bazi tal-**Hague Convention,** "*The child's views are never determinative; the final decision must be the Court's own."* (**P.W v. A.L** deciza mill-**Court of Session of Scotland**)**.**

"Din il-Qorti pero` hija wkoll konxja li c-cahda tal-access ghall-appellanti jista' jfisser problemi psikologici fil-futur ghall-minuri; tifhem ukoll li mhux salutari ghall-hajja familjari tieghu li tilef b dan il-mod il-kuntatt ma' ohtu izghar minnu li maghha trabba ghal xi snin qabel ma bdew il-problemi li wasslu ghall-kawza. Ghalhekk qabel ma tiddeciedi din il-kwistjoni definittivament se taghti opportunita` finali lill-appellanti biex terga' tibda jkollha access, u dan billi tordna access darba fil-gimgha taht supervizjoni **minghajr il-presenza ta' zewgha**; ikun tajjeb li tiehu maghha lill-bintha halli l-minuri jerga' jkollu kuntatt maghha. Jekk l-appellanti ma tiehux din l-opportunita` zgur ma tista' twahhal f'hadd hlief fiha nnfisha li tkun tilfet il-kuntatt ma' binha.

"**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

"Dwar il-kwistjoni tal-passaport il-Qorti jidrilha li l-aggravju tal-appellanti mhux gustifikat. L-appellat jghix u jahdem Malta, ghandu familja gdida u ma jkunx sewwa li kull darba li jkun irid isiefer bil-minuri ghandu jitlob il-permess tal-appellanti. Ma jidher ebda periklu li l-appellat jista' jitlaq minn Malta ghal kollox. Jidher ukoll li fil-mori tal-kawza, huwa talab darbtejn biex isiefer bil-minuri ghal btala u l-appellanti opponiet ghal ebda raguni partikolari. Dan il-permess gie akkordat mill-Qorti u l-appellat segwa l-ordnijiet tal-Qorti skrupolozament.

"**<u>Decizjoni</u>**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti provvizorjament tordna biex b'effett mill-1 ta' Lulju 2015, l-appellanti jkollha, a spejjez taghha, access ghall-minuri darba f'gimgha ghal siegha, fil-bini tal-Agenzija Appogg taht supervizjoni minghajr il-prezenza ta' zewgha u l-hin u jum jigu ffissati mill-istess Agenzija wara konsultazzjoni mal-partijiet; il-Qorti tiddeciedi din il-kwistjoni finalment wara li jkollha rapport tal-andament ta' dan l-access fis-seduta li jmiss.

"Tikkonferma interament id-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-passaport.

"L-ispejjez tal-kawza sa dan l-istadju jkunu a karigu tal-appellanti."

Rat il-verbal tal-20 ta' Ottubru 2015, li permezz tieghu ordnat li tisma' lill-minuri wahdu dwar li skont ir-rapporti tal-Agenzija Appogg huwa kien qed jirrifjuta illi jattendi ghall-access kif fuq imsemmi u dan billi jibqa' fil-karozza ta' missieru u jirrifjuta li johrog minnha;

Semghet lill-istess minuri kif imsemmi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm il-Qorti pprovat ghal hafna hi u tikkonvinci lill-minuri biex jibda jkollu xi forma ta' access ma' ommu huwa baqa' jirrifjuta u jghid li l-esperjenza li kellu fil-passat qed twasslu biex assolutament ma jridx li jkollu kuntatt maghha;

Illi trattandosi ta' guvnott ta' kwazi sittax-il sena l-Qorti tifhem li huwa difficli hafna biex l-ordnijiet taghha jkunu x'ikunu jigu attwati f'dawn ic-cirkostanzi jekk l-istess minuri ma jkunx konsenzjenti. Dan ma jfissirx li ghax ghandu sittax-il sena jista' jaghmel li jrid hu, izda l-Qorti tifhem ukoll li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tkun qed taghmel aktar hsara lill-minuri jekk tinsisti li ommu jkollha access ghalih fic-cirkostanzi tal-kaz. Wara li semghet lill-minuri tifhem ukoll ghaliex l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha. Tittama biss li fil-futur l-appellanti jirnexxielha jkollha xi forma ta' kuntatt mieghu u li huwa jirraguna ta' adult, xi haga li naturalment f'dan l-istadju l-Qorti ma tistax tistenna minghandu stante l-

eta` tieghu u l-fatt li l-incidenti illi graw fil-passat ghadhom wisq friski fil-memorja tieghu.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza finalment billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha; l-ispejjez tal-appell pero` fic-cirkostanzi tal-kaz ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb